MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 917/1997/1

**Michael Baldacchino**

**Vs**

**J & S Distributors**
**U b' digriet tad-29 ta' Marzu 2000, isem il-konvenut ghandu jkun Consiglio Agius ezercenti fil-kummerc f' isem J & S Distributors.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' April 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur biegh u kkonsenja lis-socjeta` konvenuta merkanzija;

Premess illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal din il-merkanzija jammonta ghal hamest elef, tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm5825.58);

Premess illi ghalkemm interpellata diversi drabi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta' l-attur huwa cert, likwidu u skadut, ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess attur jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u fil-fehma ta' l-attur is-socjeta` konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x' taghti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur, l-imsemmija somma ta' Lm5825.58;

2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Jannar 1997, l-ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 1997, pprezentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Mejju 1997 li permezz tieghu is-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fid-29 ta’ Mejju 1997 li permezz taghha hija eccepiet:

1. In-nullita` tac-citazzjoni odjerna peress li s–socjeta` konvenuta m’ ghandha ebda personalita` guridika kif tikkontempla l-ligi;

2. Illi trid issir korrezzjoni fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni peress li din saret “mis-socjeta` attrici” mentri c-citazzjoni giet prezentata personalment mill-attur Michael Baldacchino;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal premess, l-istanza attrici hi intempestiva stante li l-ftehim bejn il-kontendenti dejjem kien fis-sens li wara li ssir il-verifika ta’ l-ammonti ta’ flus dovuti lill-attur, dan id-debitu jithallas f’ pagamenti rateali ta’ hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar minghajr imghax;

4. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta m’ ghandhiex tbati ebda spejjez;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Marzu 2000 li permezz tieghu l-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza;

Rat illi wara l-imsemmi digriet tad-29 ta’ Marzu 2000, il-konvenut irtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Novembru 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-fatti f' din il-kawza jistghu jigu hekk rikapitulati:

I. Bejn l-attur u d-ditta konvenuta rapprezentata mill-konvenut Consiglio Agius kien gie negozjat illi d-ditta takkwista minghandu l-agenzija tad-distribuzzjoni tal-ghagin fil-hwienet;

II. Id-ditta kienet ukoll xtrat minghand l-attur l-i*stock* li kellu f' dak il-mument. Il-valur ta' dan l-i*stock* kien ta' hamest elef tmien mija hamsa u ghoxrin lira, tmienja u hamsin centezmu (Lm5825.58,0);

III. Skond il-konvenut Consiglio Agius billi ghall-ewwel ma kellux mahzen disponibbli fejn iqieghed l-i*stock* hekk mixtri dan zammu fil-garage ta' l-attur. Huwa jistqarr illi l-hlas li kien jircievi mill-bejgh tieghu ghaddih direttament lill-attur. Ara Affidavit tieghu a fol. 58;

IV. L-ammont reklamat mill-attur fic-citazzjoni kien il-valur shih ta' l-i*stock*. B' danakollu fil-mori tal-kawza huwa qabel li l-konvenut imsemmi kien ghaddielu hlas tal-parti mill-i*stock* vendut kif ukoll hamsa u tmenin lira pagament akkont. B' hekk hu kkonferma illi l-ammont dovut lilu kien ta' tliet elef seba' mija u hamsa u tmenin lira, disgha u hamsin centezmu (lm3785.59,0). Ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 80;

Premessi dawn il-fatti l-materja ma toffri l-ebda diffikolta ghar-rizoluzzjoni taghha. Dan anke ghaliex kemm il-konvenut (fol. 58 u fol. 67) kif ukoll martu Mary Grace Agius (fol. 66) jaqblu illi l-figura l-ahhar imsemmija tirrapprezenta l-ammont li ghad baqalu jithallas l-attur;

F’ wahda mill-eccezzjonijiet tieghu pero` l-konvenut jissolleva l-intempestivita ta’ l-azzjoni billi, skond hu, kien jezisti akkordju bejn il-kontendenti illi s-somma talvolta dovuta, wara l-ezercizzju tal-verifika ta’ dak li realment kien ghadu spettanti lill-attur, kellha tigi pagata lura b’ rati mensili ta’ hamsa u sebghin lira (Lm75) fix-xahar. Presumibilment din l-eccezzjoni kienet qed tigi sottomessa in bazi ghall-korrispondenza skambjata bejn il-konsulenti legali tal-partijiet anterjorment ghat-tehid ta’ l-azzjoni mill-attur;

Il-Qorti ezaminat il-korrispondenza in kwestjoni, esebita minn fol. 15 sa fol. 25, u ma tarax kif tista’ guridikament takkolji din l-eccezzjoni, meta kif jirrizulta din l-istess korrispondenza kienet qed tigi skambjata “bla pregudizzju”;

Hi anzi l-fehma taghha illi dak li waqt it-trattattivi l-partijiet jipproponu lil xulxin jew jigi accettat ukoll minn xi parti bl-intendiment ta’ ftehim ahhari, komprensiv u konsolidat ma ghandux forza obbligatorja u vinkolanti li taghti d-dritt lill-parti l-wahda li ggieghel lill-parti l-ohra tosserva dak li jkun gie propost jew accettat bla pregudizzju u bla rbit;

F’ dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma tistax tippreffiggi illi l-ammont dovut jithallas ratealment, anke jekk thossha fid-dover tappella lill-attur ghall-bon sens u komprensjoni tieghu meta kif jirrizulta minn wahda mill-ittri (fol. 19) hu kien konxju mill-posizzjoni tal-konvenut, li wiehed ragjonevolment jattribwixxi ghal xi qaghda ekonomika peggjorata tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi takkolji d-domanda attrici izda dan limitatament fis-somma ta’ tliet elef seba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltija, disgha u hamsin centezmu (Lm3785.59,0) valur ta’ merkanzija mibjugha u

kkonsenjata lid-ditta konvenuta.  B' hekk tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas din is-somma lill-attur, bl-interessi kif mitluba;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenut *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------